MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 991/2000/1

**Emanuel u Theresa konjugi Camilleri**
**vs**
**Gordon u Maria Grazia konjugi Caruana u John u Raffaela konjugi Bezzina**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-atturi fid-19 ta' Mejju, 2000, li *in forza* taghha, wara li ppremettew :

Illi permezz ta' skrittura privata datata 12 ta' Dicembru 1972 hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "A", l-atturi hadu b'titolu ta' lokazzjoni l-fond bin-numru 47 Triq Santa Marija, Zabbar u dan bid-dritt ta' servitu ta' uzu ta' tarag u tal-bjut sovrastanti l-fond numru 46 "Stephen" Triq Santa Marija Zabbar li kien proprjeta ta' konvenuti konjugi Bezzina;

Illi l-konvenuti konjugi Caruana ottjenew minghand l-Awtorita tal-Ippjanar l-approvazzjoni sabiex jwaqqghu l-fond bin-numru 46 "Stephen" Triq Santa Marija Zabbar u dan suggett ghad-drittijiet ta' terzi skond l-anness permess immarkat bhala Dokument "B";

Illi l-konvenuti qeghdin jippretendu li l-atturi m'ghandhom ebda dritt ta' uzu kemm tat-tarag kif ukoll tal-bjut sovrastanti l-fond numru 46 "Stephen" Triq Santa Marija Zabbar;

Illi ghalkemm l-attrici interpellat lill-konvenuti sabiex jiddesistu milli jkomplu jopponu dawn id-drittijiet tal-atturi kif deskritti fl-imsemmi skrittura hawn annessa dawn baqghu inadempjenti;

Talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-atturi ghandhom id-dritt ta' servitu ta' uzu ta' tarag u tal-bjut sovrastanti l-fond numru 46 "Stephen" Triq Santa Marija Zabbar;
2. Tikkundanna u tordna lill-konvenuti sabiex jonoraw il-ftehim li sar permezz tal-iskrittura privata datata 12 ta' Dicembru 1972;
3. Tordna lill-konvenuti milli jiddesistu li jaghmlu xi xoghlijiet li bi xi mod jnaqqsu jew inehhu d-drittijiet tal-atturi kif deskritt fl-imsemmi skrittura privata tat-12 ta' Dicembru 1972;

Bl-ispejjez u bil-konvenuti minn isssa ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-atturi;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Gordon u Maria Grazia konjugi Caruana, li *in forza* taghha huma eccepew :

(1) Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti in kwantu l-atturi m'ghandhomx

id-drittijiet minnhom vantati ta’ servitu’ ta’ uzu tal-bjut tal-fond numru 46 proprjeta tal-eccipjenti;
(2) In effetti din il-Qorti, diversament presjeduta, ga’ kellha okkazjoni tirrespingi t-talba tal-atturi ghall-hrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 1469/00 billi lanqas “prima facie” ma rrizulta illi mill-korp tal-iskrittura tal-kera l-atturi kellhom xi dritt meritevoli ta’ akkoljiment tat-talba taghhom;
(3) Illi dippju’ huwa guridikament inkoncepibbli kif l-atturi, qua semplici detenturi b’titolu ta’ kera, jista’ qatt jivvantaw drittijiet ta’ servitujiet fuq bejt ta’ terzi.
Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenuti Gordon u Maria Grazia konjugi Caruana;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti John u Raffaela konjugi Bezzina, li *in forza* taghha huma eccepew :

(1) Illi in kwantu diretta fil-konfront taghhom it-talbiet attrici huma bla bazi billi l-eccipjenti ma humiex il-legittimi kontraditturi billi huma ma humiex is-sidien tal-fond Numru 46;
(2) Illi f’kull kaz izda bla pregudizzju l-eccipjenti jaffermaw illi l-fond Numru 47 proprjeta’ taghhom izda lokat lill-atturi ma jgawdi l-ebda drittijiet ta’ servitu’ fuq il-bjut tal-fond ta’ terzi;
Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenuti John u Raffaela konjugi Bezzina;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba ghal dikjarazzjoni li l-atturi jgawdu servitu' ta' uzu ta' tarag u l-bjut sovrastanti l-fond numru 46 'Stephen' fi Triq Santa Marija Zabbar u talba konsegwenzjali sabiex l-intimati jigu ordnati jonoraw il-ftehim ta' bejniethom *ai termini* tal-iskrittura privata tat-12 ta' Dicembru 1972 u talba konsegwenzjali ohra sabiex l-intimati jigu ordnati jiddesistu milli jaghmlu xi xogholijiet li permezz taghhom jitnaqqsu u jew jitnehhew id-drittijiet tal-istess atturi. Min-naha l-ohra, l-intimati konjugi Caruana jikkontendu li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, li kif din il-Qorti diversament presjeduta kellha diga' l-opportunita' li tghid permezz tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1469/2000 li gie michud, lanqas ma rrizulta fuq bazi ta' *prima facie* li l-atturi ghandhom xi dritt u li *di piu'* huwa guridikament inkoncepibbli li l-atturi, qua semplici detenturi b'titolu ta' kera, jista' qatt jivvantaw drittijiet ta' servitujiet fuq bejt ta' terzi. L-intimati konjugi Bezzina jikkontendu li m'humiex il-legittimu kontraditturi billi m'humiex is-sidien tal-fond numru 46 u minghajr pregudizzju jikkontendu li jekk jirrizulta li l-fond mertu tal-kawza huwa proprjeta' taghhom izda lokat lill-atturi, dawn tal-ahhar ma jgawdu l-ebda drittijiet ta' servitu' fuq il-bjut tal-fond ma' terzi.

## **<u>Il-Mertu tal-kaz odjern</u>**

Illi l-atturi hadu b'titolu ta' lokazzjoni l-fond 47, Triq Santa Maria, Zabbar bid-dritt ta' servitu' ta' uzu ta' tarag, u dan skond skrittura privata li giet iffirmata quddiem in-Nutar Carmelo Lia (u li l-istess Nutar jaghraf bhala skrittura li ghamel hu[1]) u hija datata 12 ta' dicembru 1972[2]. Din l-iskrittura tghid hekk: "***Stephen Mallia jikri lil Emanuel Camilleri li jaccetta b'kera post numru 47, St Mary Street, Zebbug konsistenti f'dan li gej: id-dritt ta' dhul mill-intrata mmarkata bin-numru 47, liema dhul hu komuni ma' ohrajn, bitha (ghall-kerrej biss) u mad-dawra ta' din il-bitha hemm kamra zghira u ohra fuqha***

[1] Ara x-xhieda tan-Nutar Dr. Carmelo Lia a fol 60 tal-process
[2] Esebita a fol 5 tal-process

***u zewg kmamar ohra mbghad wara li terga tohrog mill-bitha, ssib tarag (li s-sid jista juza flimkien mal-kerrej) li jaghti ghal zewg ghoref fuq u l-bjut komuni ukoll mas-sid."***

Illi minn qari tal-istess skrittura, jirrizulta li l-lokazzjoni li saret orginarjament bejn Stephen Mallia u Emanuele Camilleri kienet lokazzjoni li tirregola l-fond bin-numru 47. Dak li trid allura tidditemina din il-Qorti huwa jekk permezz tal-istess skrittura privata, u b'referenza ghat-tarag li ssemmi l-istess skrittura u l-bjut imsemmija, gewx imposti xi servitujiet relatati mal-fond 46, u cioe' l-fond adjacenti ghal dak mikri originarjament lil Emanuele Camilleri minn Stephen Mallia.

Il-Qorti tirrileva li l-permess tal-MEPA li nhareg lil Gordon Caruana[3] huwa ta' ftit ghajnuna ghall-kaz odjern *stante* li huwa ben maghruf li tali permessi tal-MEPA huma dejjem suggetti ghal xi drittijiet ta' terzi. Dan hu evidenzjat ukoll mill-ahhar paragrafu tal-istess permess li jghid li "***This permit is granted saving third party rights***" u ghalhekk, tali permess ma jitfa' ebda dawl fuq il-mertu tal-kaz odjern. Huwa biss prova li l-intimat Gordon Caruana inhariglu permess ta' zvilupp fuq il-fond numru 46, Stephen, Triq Santa Maria Zabbar.

Il-Qorti taghmel referenza ghal Artikolu 458 tal-Kodici Civili li jghid hekk:

"***It-titolu li bih tiġi mnissla servitù hu null jekk ma jidhirx minn att pubbliku; u jekk is- servitù tiġi mnissla b'att inter vivos, din is-servitù ma tibdiex isseħħ kwantu għat-terzi qabel ma l-att jiġi nsinwat fir-Reġistru Pubbliku skont l-artikolu 330, fuq talba ta' waħda mill-partijiet interessati, jew tan-nutar li jkun irċieva l-att***".

Illi ghalhekk *ai termini* tal-istess Artikolu jirrizulta bl-aktar mod car li sabiex l-atturi, (u dan qieghed minkejja l-fatt li, kif ser jigi diskuss aktar 'il quddiem, tali kawza setghet tigi

[3] Esebit a fol 7 tal-process

biss istitwita mis-sidien tal-post u mhux mill-kerrejja), jippruvaw li ghandhom servitu' fuq il-fond adjacenti bin-numru 46, dan necessarjament irid jirrizulta minn att pubbliku. Illi zgur li l-iskrittura privata esebita a fol 5 tal-process m'hijiex bizzejjed biex tikkostitwixxi servitu' favur il-fond bin-numru 47. F'dan il-kuntest il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Fenech Philip Et Vs A & R Mercieca Ltd**[4] fejn b'referenza ghal servitu' l-Qorti rriteniet li:

"***Is-servitu` huwa dritt reali u jibqa' jiggrava l-proprjeta` f'idejn min tghaddi. La darba dina s-servitu, kostitwita b'att pubbliku***[5]***, kienet originarjament iskritta skond l-Artikolu 458 tal-Kap. 16, dina tibqa' ssegwi l-istess immobbli f'idejn min ikun ha l-immobbli. Dan ma kienx japplika f'kaz li dina kienet biss obbligazzjoni personali***".

Minn qari tal-kawza hawn fuq citata, jirrizulta bl-aktar mod car li l-interpretazzjoni li necessarjament trid tinghata lill-Artikolu 458 tal-Kodici Civili hija dik li sabiex wiehed ikun jista' javvanta pretensjoni ta' servitu' din trid necessarjament temani minn kuntratt pubbliku. Gialadarba dan ir-rekwizit ikun gie sodisfatt, allura tali dritt isegwi f'idejn min ikun ha l-immobbli. A kontrarju sensu allura jirrizulta li sabiex tali servitu' jkun jista' jsegwi f'idejn min ikun ha l-immobbli, dan irid jemani minn kuntratt pubbliku.

Il-Qorti tirreferi wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Joseph Buhagiar et vs George u Joseph u Paul ahwa Micallef**[6] fejn din il-Qorti kif diversament preseduta rriteniet li:

"***Id-dritt ta' uzu ta' bejt huwa servitu` mhux kontinwu, kif inhu s-servitu` ta' moghdija, u dan peress li ghall-ezercizzju tieghu hu mehtieg filwaqt il-fatt tal-bniedem (artikolu 455(3) tal-Kodici civili), u jista' jinghad ukoll li hu servitu` li ma jidhirx, peress li m'ghandux sinjali li jidhru tal-ezistenza tieghu (artikolu 455(5) tal-Kodici***

[4] Deciza nhar it-22 ta' Mejju 2008 mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri)
[5] Enfasi mizjuda
[6] Deciza nhar is-6 ta' Mejju 2004 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

***Civili)…..Bhala servitu` mhux kontinwu u li ma jidhirx, l-istess servitu` jista' jigi akkwistat biss b'sahha ta' titolu, u ma jistax jigi stabbilit bil-preskrizzjoni jew bid-destinazzjoni ta' sid ta' zewg fondi**… **Dan ifisser li l-atturi jridu juru titolu validu ghall-akkwist ta' dak is-servitu, u dan it-titolu ta' uzu ta' bejt irid jirrizulta derivattiv mill-proprjetarju ta' dak il-bejt, ghax huma biss is-sidien tal-proprjeta` li jistghu jistabilixxu servitujiet (artikolu 454 Kodici Civili).***"

Il-Qorti tinnota li l-atturi jistriehu fuq skrittura privata ta' lokazzjoni li saret fil-prezenza tan-Nutar Dr. Carmelo Lia. Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar dan ghaliex anke mid-dicitura tal-istess citazzjoni, jirrizulta li t-talbiet attrici huma bbazati fuq din l-istess skrittura privata, kif jirrizulta wkoll mill-affidavits tal-istess atturi[7]. Tant hu hekk, li l-ebda kuntratt pubbliku ma gie esebit fl-atti ta' din il-kawza u li seta' forsi jitfa' xi dawl jekk ghall-anqas mill-kuntratti jirrizultax tali servitu' vantat mill-atturi. Jibqa' l-fatt li l-oneru tal-prova jaqa' fuq l-atturi li jridu necessarjament jippruvaw dak li qieghdin jallegaw. Li jistriehu fuq skrittura privata mhux prova bizzejjed ta' kostituzzjoni jew ezistenza ta' servitu' ghaliex kif diga' gie ritenut, din necessarjament trid temani minn kuntratt pubbliku. Fin-nuqqas ta' tali prova, il-Qorti ma tista' bl-ebda mod tiddikjara li l-proprjeta' mikrija lill-atturi tgawdi xi servitu fuq il-proprjeta' adjacenti bin-numru 46. Dan qieghed jinghad ukoll ghaliex *ai termini* tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq, tali servitu' ma seta' qatt jigi akkwistat bil-preskrizzjoni applikabbli. Ghalhekk, minkejja li l-atturi, permezz tal-provi taghhom jippruvaw juru li tali servitu' ilha tintuza ghal snin twal, dan m'ghandu ebda piz probatorju fuq din il-kawza *stante* li tali servitu' jrid necessarjament jigi akkwistat permezz ta' titolu u mhux bil-preskrizzjoni. Tant hu hekk, li l-istess atturi, fit-talbiet u l-premessi taghhom, ma jaghmlu ebda referenza ghal xi forma ta' preskrizzjoni akkwizittiva (ghalkemm dan jaghmluh b'mod sottili permezz tax-xhieda prodotti minnhom).

[7] Ara a fol 25 u 27 tal-process rispettivament

**<u>Dwar it-tieni eccezzjoni tal-intimati konjugi Caruana relatata mal-mandat ta' Inibizzjoni</u>**

Il-Qorti tirrileva li din l-eccezzjoni hija wahda ta' fatt, fis-sens li huwa minnu li l-atturi kienu fittxew li jottjenu l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni minn din il-Qorti kif diversament preseduta (u dan kif jirrizulta mill-kopja tal-istess mandat ta' Inibizzjoni[8] 1469/00 li gie michud), izda dan bl-ebda mod ma jfisser li bejn il-partijiet hemm xi *res judicata*. Fil-fatt, l-eccezzjoni mressqa mill-intimati Caruana m'hijiex eccezzjoni *per se* ghaliex, filwaqt li ma setghu qatt jeccepixxu l-eccezzjoni ta' *res judicata stante* li l-mandati ta' inibizzjoni huma decizi abbazi ta' dritt *prima facie*, it-talba tal-atturi ghall-hrug ta' tali mandat (minkejja li dan gie michud) ma timpedihomx milli jinterponu tali kawza. *Se mai* tali mandat huwa prova migjuba mill-intimati li l-Qorti kif diversament preseduta hasset li l-atturi ma jidhirx li kellhom xi drittijiet hekk kif vantati minnhom, izda xejn aktar.

Jibqa' ghalhekk illi il-Qorti tiddeciedi jekk, wara li jigu kkunsiderati l-provi kollha migjuba quddiemha, l-atturi rnexxilhomx jippruvaw li jgawdu xi forma ta' servitu fuq il-fond numru 46.

**<u>Dwar it-tielet eccezzjoni tal-intimati konjugi Caruana relatata mal-inkoncepibbilita' li l-atturi bhala semplici kerrejja jistghu jivvantaw dritt ta' servitu' fuq bjut ta' terzi</u>**

Il-Qorti tirrileva li l-atturi, anke mid-dicitura tac-citazzjoni nnifisha, qieghdin jivvantaw il-pretensjoni taghhom abbazi tal-kirja, skrittura privata li saret originarjament bejn Stephen Mallia u Emanuele Camilleri. Dwar il-bazi tal-istess azzjoni, jidher li m'hemmx kontestazzjoni *stante* li l-atturi stess jiddikjaraw li huma il-kerrejja tal-fond bin-nurmu 47 fi Triq Santa Marija, Zabbar. Ghalhekk il-Qorti trid necessarjament tara jekk l-azzjoni li qed jipproponu l-atturi hijiex proponibbli minnhom bhala kerrejja, jew jekk

[8] Esebit a fol 43 tal-process

din l-istess azzjoni kienetx necessarjament tesigi li ssir mis-sid tal-istess fond, u cioe’ s-sid tal-fond 47.

F’dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Sacco John Mary Sive Jimmy Et Vs Debono Joseph**[9] fejn din il-Qorti, kif diversament preseduta, sostniet li:

“***L-inkwilin ta' fond dominanti ma jistax jikkrea servitu' favur l-istess fond. Id-dritt ta' inkwilin huwa dritt personali u ghalhekk wiehed lanqas jista’ jithaddet fuq drittijiet ta' pussess li huwa dritt reali f'din il-kwistjoni u wisq anqas ta' servitu. Is-servitu' setghet tkun kreata mis-sid jew mill-enfitewta tal-fond dominanti imma mhux mill-inkwilin tieghu. Is-servitu' setghet tigi wkoll sofferta jew tollerata mill-enfitewta tal-fond servjenti, minnu detenut in enfitewsi, imma mhux kreat jew akkwistata mill-inkwilin li jkun qed jokkupa l-fond dominanti***”.

Issir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Rosario Cutajar vs Giovanna Caruana**[10] fejn din il-Qorti kif diversament preseduta rriteniet li:

“***L-azzjonijiet li huma intizi biex jigi mantenut l-ezercizzju ta’ servitujiet li jappartejnu lill-fondi, jew sabiex il-fondi jigu liberati mis-servitujiet li xi hadd jippretendi li ghandu fuqhom, ma jistghux jigu ezercitati hlief mill-proprjetarju tal-fond. Il-konduttur ma jistax jezercita azzjonijiet simili; u jekk jezercithom huwa persuna illegittima biex jagixxi bhala attur***”.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Joseph Buhagiar et vs George u Joseph u Paul ahwa Micallef**[11] fejn gie ritenut li:

“***Id-dritt ta’ servitu’ jrid jinholoq mis-sid u jekk is-sid ma jkunx parti fuq dak il-kuntratt, dak l-istess kuntratt***

[9] Deciza nhar it-30 ta’ Gunju 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili
[10] Deciza nhar it-22 ta’ Frar 1947 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili
[11] Deciza nhar is-6 ta’ Mejju 2004 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili

***ikun res inter alios acta fil-konfront ta'... sidien il-bejt in kwistjoni***".

*Ai termini* tal-gurisprudenza hawn fuq citata, jirrizulta bl-aktar mod car li l-atturi, bhala kerrejja, ma jistghux jivvantaw tali citazzjoni *stante* li t-talbiet vantati minnhom huma biss eligibbli ghas-sid tal-proprjeta' bin-numru 47, u cioe' s-sid tal-post mikri lill-istess atturi. Dan necessarjament ifisser li anke abbazi tat-titolu li fuqu qieghin jibbazaw it-talba taghhom l-atturi, jirrizulta li din l-eccezzjoni mressqa mill-intimati Caruana tista' fil-fatt tintlaqa'. Izda apparti dan, il-Qorti tinnota wkoll li permezz tal-iskrittura privata ma ssir ebda referenza ghall-fond bin-numru 46, u cioe' l-fond adjacenti ghal dak mikri lill-atturi. Lanqas ma jidher li s-sid jew is-sidien tal-fond bin-numru 46 ma kienu jifformaw parti mill-ftehim ta' bejn Stephen Mallia u Emanuele Caruana. Dan qieghed jinghad ghaliex is-sidien attwali tal-fond numru 46 huma l-intimati konjugi Caruana filwaqt li precedentement, tali proprjeta' kienet tghajjat liz-zija tal-intimata Maria Grazia Caruana, Emanuela Mallia. Illi la l-konjugi Caruana u lanqas l-imsemmija Emanuela Mallia ma kienu jiffurmaw parti mill-ftehim li fuqu hija msejsa din il-kawza. Dan allura jwassal lill-Qorti sabiex tifhem li dan il-ftehim huwa *res inter alios acta* ghall-intimati Caruana u ma ghalhekk ma jista' qatt johloq rabta maghhom. Min-naha l-ohra, jirrizulta li l-intimati konjugi Bezzina huma fattwalment is-sidien tal-proprjeta' bin-numru 47, u cioe' l-fond mikri lill-atturi. Dan necessarjament ifisser li *ai termini* tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq, jirrizulta li *se mai* kien jispetta lill-istess intimati konjugi Bezzina li jintavolaw din il-kawza (bhala s-sidien tal-fond bin-nurmu 47). In vista ta' dan, il-Qorti tirrileva li d-dikjarazzjonijiet maghmula mill-atturi u mix-xhieda prodotti minnhom, illi jikkontendu (ghalkemm l-intimati jirribattu tali xhieda) li huma dejjem uzaw u kellhom access ghall-bejt tal-fond bin-numru 46, m'ghandhom ebda rilevanza fil-kaz odjern *stante* li dawn, *se mai* kienu jkunu ta' piz u ta' prova ghas-sid tal-fond 47 (li lilu tispetta tali azzjoni) u mhux lill-kerrej.

**<u>Dwar l-eccezzjoni tal-intimati Bezzina tal-legittimu kontradittur</u>**

Illi permezz tan-nota ta’ eccezzjonijiet taghhom, hekk kif segwita bid-dikjarazzjoni taghhom, l-intimati konjugi Bezzina jiddikjaraw li huma s-sidien tal-fond 47 mikri lill-atturi ghalkemm il-Qorti tirrileva li l-ebda kuntratt ta’ akkwist jew xi forma ta’ prova ta’ titolu ma gie esebit. Pero’ jidher li dwar dan il-fatt m’hemmx kontestazzjoni u ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex tara jekk tali eccezzjoni tistax tigi milqugha jew le. A skans ta’ ripetizzjoni zejda, il-Qorti terga’ taghmel referenza ghal dak citat aktar ‘il fuq, b’referenza specifika ghall-kawza **Rosario Cutajar vs Giovanna Caruana,** fejn gie dikjarat li kawzi ta’ natura bhal ma hija dik odjerna jispettaw lis-sidien tal-fond in kwistjoni u mhux lill-kerrejja. Dan necessarjament ifisser li l-intimati Bezzina, li kieku kellhom interess bhala sidien, kien jispetta lilhom li jivvantaw kawza bhal dik odjerna kontra s-sidien tal-fond 46, u cioe’ l-fond adjacenti ghall-proprjeta’ taghhom, sabiex ikun stabbilit jekk il-fond taghhom igawdix minn servitu’ jew le. F’dan il-kaz, is-sidien tal-proprjeta’ bin-numru 47 huma whud mill-intimati. L-atturi qieghdin jivvantaw dritt relatat fuq il-fond 46 (proprjeta’ tal-intimati l-ohra konjugi Caruana) u ghalhekk, ghall-finijiet tal-kawza odjerna, l-intimati Bezzina ma jistghu qatt ikunu l-legittimi kontraditturi f’kawza li l-mertu taghha hija proprjeta’ li m’hijiex taghhom u ma jistghu qatt jikkoncedu xi forma ta’ servitu’ fuqha (ghaliex fil-fatt m’humiex proprjetarji taghha). Kif din il-Qorti diga’ kellha l-opportunita’ li tghid, il-konjugi Bezzina setghu biss kienu l-atturi f’din il-kawza ghaliex huma biss ghandhom l-interess rikjest mill-ligi sabiex jivvantaw tali pretensjonijiet kontra s-sidien tal-proprjeta’ bin-numru 46.

## <u>Decide</u>

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talbiet attrici, filwaqt li tichad it-tieni eccezzjoni tal-intimati Caruana, tilqa’ l-eccezzjonijiet l-ohra tal-istess intimati konjugi Caruana u tilqa’ wkoll fl-

*intier* taghhom l-eccezzjonijet tal-intimati konjugi Bezzina. Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------